DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/737

tal-4 ta' Mejju 2021

dwar l-estensjoni tal-azzjoni li ħa l-Ministeru Federali Awstrijaku għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2021) 3015)

(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Ġunju 2020, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Ministeru Federali Awstrijaku għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("l-awtorità kompetenti") adotta deċiżjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru sat-22 ta' Diċembru 2020 ("l-azzjoni"). F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għarrfet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni tagħha.

(2) Skont it-tagħrif li tat l-awtorità kompetenti, l-azzjoni kienet meħtieġa sabiex titħares is-saħħa pubblika. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għall-funzjonament ħażin tal-magni tal-inġenji tal-ajru, u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tagħhom, u b'hekk tipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. Il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq it-titjiriet li rriżultaw minnha wasslu biex bosta inġenji tal-ajru kellhom jibqgħu pparkjati temporanjament. L-immobbiltà tal-inġenji tal-ajru hija fattur aggravanti tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(3) Il-Biobor JF fih 2,2'-(1-metiltrimetilenediossi)bis-(4-metil-1,3,2-diossaborinan) (numru CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-diossaborinan) (numru CAS 14697-50-8), li huma sustanzi attivi għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 6 bħala preservattivi tal-prodotti waqt il-ħżin, kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Billi dawk is-sustanzi attivi mhumiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2], mhumiex inklużi fil-ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li jinsabu fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għalhekk, l-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament ma japplikax għalihom u jridu jiġu vvalutati u approvati qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkun fihom dawk is-sustanzi attivi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati fil-livell nazzjonali wkoll.

(4) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti biex tiġi estiża l-azzjoni f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. It-talba motivata saret minħabba tħassib li s-sikurezza tat-trasport tal-ajru tista' tibqa' pperikolata minħabba l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-arju wara t-22 ta' Diċembru 2020, u fuq l-argument li l-Biobor JF huwa essenzjali biex tiġi kkontrollata din il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294 10.10.2014, p. 1).

(5) Skont it-tagħrif li tat l-awtorità kompetenti, il-Biobor JF huwa l-uniku prodott disponibbli għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika. L-uniku prodott bijoċidali alternattiv irrakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni tagħhom għal dak l-użu (Kathon ™ FP 1.5) ma għadux disponibbli fis-suq.

(6) Kif indikat mill-awtorità kompetenti, it-trattament mekkaniku tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil huwa possibbli biss sa ċertu punt u, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifatturi, spiss irid ikun akkumpanjat biż-żieda ta' prodott bijoċidali wara t-tindif tat-tank. It-trattament mekkaniku tat-tank jista' jieħu sa aktar minn 200 siegħa xogħol, skont it-tip ta' inġenju tal-ajru, li jfisser waqfien ta' diversi jiem tal-inġenju tal-ajru għall-manutenzjoni.

(7) Barra minn hekk, it-trattament mekkaniku jimplika li l-persunal mekkaniku tal-inġenji tal-ajru jrid jaħdem f'tank issikkat b'għadd kbir ta' prekawzjonijiet ta' sikurezza, li huwa estremament eżiġenti fiżikament u mentalment, u jenħtieġ li dan kemm jista' jkun jitnaqqas.

(8) Skont it-tagħrif li għandha l-Kummissjoni, il-manifattur tal-Biobor JF ħa passi biex il-prodott jiġi awtorizzat b'mod regolari, u fil-futur qarib mistennija titressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni sussegwenti tal-prodott bijoċidali jkunu jikkostitwixxu soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda biex dawk il-proċeduri jitlestew, jieħdu ħafna żmien.

(9) In-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u dak il-periklu ma jistax jitrażżan biżżejjed bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħra. Għalhekk jixraq li l-awtorità kompetenti titħalla testendi l-azzjoni.

(10) Billi l-azzjoni skadiet fit-22 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni jkollha effett retroattiv.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru Federali Awstrijaku għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknolġija jista' jestendi l-azzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF għat-trattament antimikrobiku tat-tankijiet tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru sas-26 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ministeru Federali Awstrijaku għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknolġija.

Għandha tapplika mit-23 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni